MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 66/2003

**Michael u Daniela konjugi Buttigieg**

**vs**

**Anne Refalo**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi fl-24 ta’ Awissu 2002 ghal habta tal-12:15p.m. l-attur kien qieghed isuq m/cycle tat-tip Honda 70 (numru ta’ Registrazzjoni FAH 641) u ghaddej fit-Triq il-Gilju, Rabat, Ghawdex u kien qieghed idur ghat-Triq Patri Magri, Rabat, Ghawdex;

Peress illi l-konvenuta li kienet qieghda issuq vettura tat-tip Nissan Micra (numru ta’ registrazzjoni BBM 208) b’imprudenza u b’traskuragni grassa u fuq il-“crown of the

road" bir-rizultat li bis-sewqan taghha hija investiet il-vettura (FAH 641) misjuqa mill-attur Michael Buttigieg;

Peress illi kagun tal-istess incident, l-attur soffra danni fl-ammont ta' mija sebgha u sittin lira u hamsa u sebghin centezmi (LM167.75c0m) kif jirrizulta mid-Dokument 'A' hawn anness;

Tghid l-istess konvenuta ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mija sebgha u sittin lira u hamsa u sebghin centezmi (LM167.75c0m) danni minnu sofferti u dana wara li hija tigi dikjarata unikament responsabbli ghall-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi. Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuta ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Anne Refalo:

Teccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta' din il-kawza sehh unikament tort ta' sewqan traskurat, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn-naha ta' l-atturi kif ukoll minhabba l-fatt illi l-atturi naqsu milli zzomm *a proper lookout* u ghaldaqstant l-istess atturi huma unikament responsabbli ghall-incident;

2. Illi fi kwalunke kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-atturi huwa wiehed esagerat.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom msejjha."

Ra l-kontro-talba:

"Ghid ghaliex inti Michael Buttigieg m'ghandekx tigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-24 t'Awwissu, 2002 meta inti b'sewqan traskurat, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u nuqqas ta' zamma ta' proper look out bqajt diehel fil-vettura ta' Anne Refalo b'mod illi kkagunajt dannu ta' Lm341.27;

Ghid ghalhekk inti m'ghandekx tkun kundannat thallas dan l-ammont flimkien ma' l-interessi skond il-ligi."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi l-partijiet sostanzjalment jaqblu dwar kif sehhet il-habta. Din sehhet f'T-junction waqt li l-attur kien ghadu kif hareg mit-triq laterali isuq motorcycle filwaqt li l-konvenuta kienet niezla fi Triq Patri Emmanuel Magri u kienet qieghdha ssuq karozza press-a-poko fin-nofs tat-triq li f'dak il-punt tidjieq bruskament minn fuq in-naha tax-xellug hekk kif wiehed ikun niezel fl-istess direzzjoni tal-konvenuta u ghandha linja bajda diskontinwa fin-nofs taghha.

Jirrizulta li z-zewg sewwieqa kkontribwew biex sehh l-incident. Min-naha l-wahda, Anne Refalo ma zammitx man-naha tax-xellug tat-triq kif kien ikun prudenti li taghmel f'inkrocju, aktarx ghax kellha l-impressjoni – zbaljata – li t-triq kienet one-way. Min-naha l-ohra, Buttigieg ma zammx *a proper look-out* waqt li kien qieghed johrog minn triq laterali, u l-anqas kien fil-kontroll shih tal-mutur tieghu billi kien imfixkel fil-manuvrar tieghu bil-katusa li kien qieghed igorr, b'mod li ma rnexxilux jieqaf tempestivament. Il-fatt li ma rax il-karozza ta' Refalo gejja ma hi xejn hlief awto-inkolpazzjoni. L-attur a tempo vergine ma qalx li waqaf qabel hareg mis-side-street; fix-xhieda tieghu (fol 35) qal li baqa' hiereg bil-mod, filwaqt li fl-ahhar tax-xhieda tieghu (fol 37) qal li meta wasal fil-kantuniera waqaf, ma ra lil hadd gej, u hareg – verzjonijiet konfliggenti li ma jghinu xejn ghall-kredibilita' tax-xhud.

Illi kif inhu maghruf, sewwieq li joqrob lejn inkrocju ghandu jsuq b'attenzjoni izda dak li jkun hiereg mit-triq laterali ghandu juza' grad ta' attenzjoni ferm ikbar minn dak li jkun qieghed isuq fit-triq principali jew it-triq id-dritta fil-kaz ta' T-junction.

Dwar il-quantum tad-danni rispettivament sofferti mill-partijiet ma kienx hemm kontestazzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi japporzjona r-responsabilita' ghall-incident kwantu ghal terz lill-konvenuta u zewg terzi lill-attur u konsegwentement jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' LM55.92c; jilqa' l-kontrotalba tal-konvenuta limitatament ghas-somma ta' LM227.51c u konsegwentement mehuda in konsiderazzjoni t-tpacija bejn il-partijiet jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' LM171.56c. Spejjez zewg terzi ghall-attur u terz ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------